MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 276/2010

Kawza fil-lista: 48

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta: li l-partijiet izzewgu fil-21 ta’ Marzu 1992, u f’dan iz-zwieg ma tweldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha teccepixxi li hi m'ghandiex responsabbilita' ghan-nullita';

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat**;**

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-21 ta' Marzu 1992 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta qieghda taqbel li z-zwieg huwa null, izda qed tikkontesta l-htija.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Marzu 1992 meta allura l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 25 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa hames snin.

Minn dana z-zwieg ma tweldux tfal.

Jirrizulta li l-attur affronta l-gurnata tat-tieg bezghan u ncert, dan gie kkonfermat miz-zewg partijiet fix-xhieda taghhom, "*niftakar illi fil-grunata taz-zwieg huwa kien gie d-dar ta' ommi flimkien ma' missieru, u ma ninsa qatt ir-roghda u l-eccitament eccessiv li huwa kellu fuqu... nistqarr li dan l-atteggjament inkwetani mhux ftit*"[1]. L-attur sahaqq dwar il-gurnata tat-tieg li "*kont ecitat hafna u jekk kont ghalxiex diehel xorta kont nibza` minn dak li kont diehel ghalih... kont nibzq` li jigri dak li fil-fatt gara*"[2]. Inoltre, l-attur hass li kien ghadu zghir wisq biex jiehu dan

[1] Vide fol. 24 tal-process.
[2] Vide fol. 36 tal-process.

il-pass u anke fil-*honeymoon* kien qed jimmisja lil tal-familja tant li l-konvenuta tghid li kien qed jibki sal-punt li inkwetaha[3].

L-attur iddeskriva ruhhu bhala "*moody*"[4] u li joqghod ghalih wahdu, haga li anke l-konvenuta fl-affidavit taghha rripetit diversi drabi kif il-kommunikazzjoni bejnithom kienet problematika hafna[5] u dan minhabba l-fatt li l-attur qatt ma kien jghidilha l-hsibijiet tieghu, izda dejjem jevita u nofs diskors. Inoltre, l-attur jghid li dina s-sensazzjoni li jimmisja l-familja baqa' jiffastidjah tul il-hajja matrimonjali kollha[6]. Is-sitwazzjoni tal-*moodiness* ta' l-attur kompliet taggrava sakemm wasal biex ikun aggressiv specjalment verbalment, ghalkemm kien hemm episodju li anke kisser u sabbat tant li l-konvenuta saret tibza' minnu[7]. Fix-xhieda jissemma wkoll mumenti ta' dippressjoni kbira li l-attur kien jghaddi minnha[8].

Jidher li l-attur jghid li "*mill-ewwel sa minn jum it-tieg kont hassejt illi ghamilt zball kbir li zzewigt. Illi nghid li maz-zwieg kont donni bdejt inhoss responsabbilta' kbira hafna li ma bdejt niflah ghalija. Illi dina l-biza inspjegabbli baqghet fuqi tant li bdejt nirrejagixxi b'mod forsi ftit stramb...*"[9]. Dan jigi wkoll rifless fid-deskrizzjoni li taghti l-konvenuta fl-affidavit taghha tal-komportament tal-attur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront ta' l-attur l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li l-attur dahal ghal dan iz-zwieg minghajr m'gharraf l-import tal-hajja konjugali, bir-rizultat li kien inkapaci jghix mal-konvenuat, allura martu, f'unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni tat-tfal u t-trobbija taghhom.

[3] Vide fol. 53 tal-process.
[4] Ikkonfermata anke mill-konvenuta vide fol. 57 tal-process.
[5] Vide fol. 73 tal-process.
[6] Vide fol. 39 u 40 tal-process.
[7] Vide fol. 28, 57, 67, 71 tal-process.
[8] Vide fol. 69 tal-process u l-affidavit ta' l-attrici.
[9] Vide fol. 43 tal-process.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-21 ta' Marzu 1992 .

L-ispejjez ikunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------